# MHUX HEKK?

*Ta' E. ATTARD*

Ma' dawk
Li xtaqu s-sliem fuq ħsiebhom,
Imxennqa għall-ferħ
Tissieħeb qalbi,
Xħin nara l-kwiekeb
Iteptpu kollha seħer
U r-riħ mal-ħbula jgħanni:
Iwennes lil min daq
Is-semm ta' niesu...........
Sakemm il-lejl inin
Bil-mod, il-mod, il-mod,
Sakemm il-lejl inin bil-mod.
.........U b'sogħba ngħanni tmiemu
u jkolli nerġa' nibda
Il-ħajja ta' ħaddieħor;
Bir-riħa tad-duħħan;
Bl-għajat tan-nies imgħaġġla
Fil-ħidma għall-quddiem!...........
U jerġa' kollox għal dak li kien:
F'monotonija;
B'pbigħ ir-ras li jaqsam...........
Hekk għandu jkun!
Din id-dinja...........
Din dinja tal-bnedmin.